II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2020/169

tas-6 ta' Frar 2020

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 147/2003 dwar ċerti miżuri restrittivi fil-każ tas-Somalja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/231/PESK tas-26 ta' April 2010 dwar miżuri restrittivi kontra s-Somalja u li tirrevoka l-Pożizzjoni Komuni 2009/138/PESK ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 147/2003 ([2]) dwar ċerti miżuri restrittivi fil-każ tas-Somalja, jimponi projbizzjoni ġenerali fuq l-għoti ta' pariri tekniċi, assistenza, taħriġ, finanzjament u assistenza finanzjarja relatati ma' attivitajiet militari lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fis-Somalja, kif ukoll projbizzjoni fuq l-importazzjoni, ix-xiri u t-trasport ta' faħam mis-Somalja.

(2) Fil-15 ta' Novembru 2019, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU) adotta r-Riżoluzzjoni (UNSCR) 2498 (2019). Dik ir-Riżoluzzjoni tafferma mill-ġdid embargo ġenerali u komplet fuq l-armi fuq is-Somalja, u temenda l-eżenzjonijiet, approvazzjonijiet bil-quddiem u n-notifiki dwar it-twassil ta' armi u materjali relatati lis-Somalja. Barra minn hekk, dik ir-Riżoluzzjoni tafferma mill-ġdid il-projbizzjoni fuq l-importazzjoni tal-faħam mis-Somalja u tintroduċi restrizzjonijiet fuq komponenti ta' apparat splussiv improvviżat.

(3) Fis-6 ta' Frar 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2020/170 ([3]), li temenda d-Deċiżjoni 2010/231/PESK f'konformità mal-UNSCR 2498(2019).

(4) Xi whud minn dawn il-miżuri jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u għaldaqstant hija neċessarja azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni sabiex dawn jiġu implimentati, b'mod partikolari sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħhom mill-operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 147/2003 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 147/2003 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 2a huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) l-għoti ta' finanzjament, għajnuna finanzjarja, pariri tekniċi, għajnuna jew taħriġ relatat ma' attivitajiet militari, jekk jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) l-awtorità kompetenti kkonċernata tkun iddeterminat li tali finanzjament, għajnuna finanzjarja, pariri tekniċi, għajnuna jew taħriġ huma maħsuba biss għall-iżvilupp tal-Forzi tas-Sigurtà Nazzjonali tas-Somalja biex jipprovdu sigurtà għall-poplu tas-Somalja; u

([1]) ĠU L 105, 27.4.2010, p. 17.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 147/2003 tas-27 ta' Jannar 2003 dwar ċerti miżuri restrittivi fil-każ tas-Somalja (ĠU L 24, 29.1.2003, p. 2)

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/170 tas-6 ta' Frar 2020 li temenda d-Deċiżjoni 2010/231/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Somalja (ara paġna 5 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

(ii) tkun saret notifika lill-Kumitat stabbilit bil-paragrafu 11 tal-UNSCR 751 (1992) mill-Gvern Federali tas-Somalja jew, b'mod alternattiv, mill-Istat Membru li jkun qed jipprovdi l-finanzjament, l-għajnuna finanzjarja, il-pariri tekniċi, l-għajnuna jew it-taħriġ, mill-anqas ħamest ijiem ta' xogħol qabel kwalunkwe għoti ta' tali finanzjament, għajnuna finanzjarja, pariri tekniċi, għajnuna jew taħriġ, f'konformità mal-paragrafu 11 tal-UNSCR 2498 (2019);";

(b) jiddaħħal il-punti li ġej:

"(ea) l-għoti ta' finanzjament, għajnuna finanzjarja, pariri tekniċi, għajnuna jew taħriġ relatat ma' attivitajiet militari fir-rigward tal-attivitajiet militari jekk jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) l-awtorità kompetenti kkonċernata tkun iddeterminat li tali finanzjament, għajnuna finanzjarja, pariri tekniċi, għajnuna jew taħriġ huma maħsuba biss għall-iżvilupp tal-Forzi tas-Sigurtà Nazzjonali tas-Somalja; u

(ii) tkun saret notifika lill-Kumitat stabbilit bil-paragrafu 11 tal-UNSCR 751 (1992) mill-Istat Membru li jkun qed jipprovdi tali finanzjament, għajnuna finanzjarja, pariri tekniċi, għajnuna jew taħriġ, ta' kwalunkwe finanzjament, għajnuna finanzjarja, pariri tekniċi, għajnuna jew taħriġ, u l-Gvern Federali tas-Somalja ikun ġie infurmat b'mod parallel mill-anqas ħamest ijiem qabel f'konformità mal-paragrafi 12 u 15 tal-UNSCR 2498 (2019); u

(iii) il-Kumitat ma jkunx ħa deċiżjoni negattiva fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol minn meta jirċievi notifika;".

(2) Fl-Artikolu 3, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Artikolu 1 ma għandux japplika għal:

(a) l-għoti ta' finanzjament jew għajnuna finanzjarja għall-bejgħ, provvista, trasferiment jew esportazzjoni ta' apparat militari mhux letali intenzjonat biss għall-użu umanitarju jew ta' protezzjoni, jew ta' materjal maħsub għal programmi ta' żvilupp tal-istituzzjoni tal-Unjoni jew tal-Istati Membri, inkluż fil-qasam tas-sigurtà, magħmul fil-qafas tal-Proċess ta' Paċi u Rikonċiljazzjoni; jew

(b) l-għoti ta' pariri tekniċi, għajnuna jew taħriġ konness ma' dan l-apparat mhux letali,

jekk dawn l-attivitajiet ikunu ġew innotifikati minn qabel u għall-informazzjoni tiegħu biss, lill-Kumitat stabbilit bil-paragrafu 11 tal-UNSCR 751 (1992) mill-Istat Membru, l-organizzazzjoni internazzjonali, reġjonali jew subreġjonali fornituri.".

(3) Fl-Artikolu 3a, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Ir-regoli li jirregolaw l-obbligu li tkun ipprovduta informazzjoni ta' qabel il-wasla jew ta' qabel it-tluq, b'mod partikolari rigward il-persuna li tipprovdi dik l-informazzjoni, il-limiti ta' żmien li għandhom ikunu rrispettati u d-data meħtieġa, għandhom ikunu kif determinati fid-dispożizzjonijiet rilevanti dwar id-dikjarazzjonijiet sommarji tad-dħul u l-ħruġ kif ukoll dikjarazzjonijiet doganali fil-leġislazzjoni doganali. (*)

(*) Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1): ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 tat-28 ta' Lulju 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' regoli dettaljati li jikkonċernaw uħud mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 1); ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558).".

(4) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 3c

1. Għandu jkun ipprojbit il-bejgħ, l-esportazzjoni, il-provvista jew it-trasferiment, direttament jew indirettament, ta' komponenti ta' apparat splussiv improvviżat kif elenkati fl-Anness III lis-Somalja mit-territorji tal-Istati Membri jew minn ċittadini tal-Istati Membri barra mit-territorji tal-Istati Membri, jew permezz ta' bastimenti jew inġenji tal-ajru li jtajru l-bandiera tal-Istati Membri, sakemm l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru rilevanti, kif identifikat fuq is-siti web elenkati fl-Anness I, ma tkunx tat awtoritazzjoni minn qabel.

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri m'għandhom jagħtu l-ebda awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1 jekk ikun hemm biżżejjed evidenza li turi li l-oġġett(i) ser jintużaw, jew ikun hemm riskju sinifikanti li jistgħu jintużaw, fil-manifattura ta' apparat splussiv improvviżat fis-Somalja.

(5) L-Anness III huwa sostitwit bl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Frar 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
A. METELKO-ZGOMBIĆ

ANNESS

"ANNESS III

LISTA TA' PUNTI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 3C

1. Tagħmir u apparat, mhux speċifikat fil-punt 2 fl-Anness IV għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2020/231/PESK ([1]), iddiżinjat apposta biex jinizja splussivi b'mezzi elettriċi jew mhux elettriċi, (pereżempju, settijiet tal-isparar, detonaturi, tagħmir tat-tqabbid, ħabel detonanti).

2. "Teknoloġija" "meħtieġa" għall-"produzzjoni" jew l-"użu" tal-oġġetti elenkati fil-paragrafu 1. (Id-definizzjonijiet tat-termini "teknoloġija", "meħtieġa", "produzzjoni" u "użu" huma fil- Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea ([2])).

3. Materjali splussivi, kif ġej, u taħlitiet li jkun fihom waħda jew aktar minn dawn:

L-isem tas-sustanza	Numru tar-Reġistru tas-Servizz tat-Taqsiriet tas-Sustanzi Kimiċi (CAS RN)	Kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda (NM) ([1])
Żejt Kombustibbli tan-Nitrat tal-Ammonju (ANFO)	6484-52-2 (nitrat tal-ammonju)	3102 30 3102 40
Nitroċelluloża (li fiha aktar minn 12,5 % nitroġenu skont il-piż)	9004-70-0	
Nitroglikol	55-63-0	ex 2920 90 70
Tetranitrat tal-pentaeritritol (PETN)	78-11-5	ex 2920 90 70
Klorur tal-pikril	88-88-0	ex 2904 99 00
2,4,6-Trinitrotoluwen (TNT)	118-96-7	2904 20 00

([1]) Il-kodiċijiet tan-nomenklatura jittieħdu min-Nomenklatura Magħquda kif definita fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1) u kif stipulat fl-Anness I tiegħu, li huma validi fiż-żmien tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament u, *mutatis mutandis*, kif emendati mil-leġiżlazzjoni sussegwenti.

4. Prekursuri ta' splussivi:

L-isem tas-sustanza	Numru tar-Reġistru tas-Servizz tat-Taqsiriet tas-Sustanzi Kimiċi (CAS RN)	Kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda (NM)
Nitrat tal-ammonju	6484-52-2	3102 30
Nitrat tal-potassju	7757-79-1	2834 21 00
Klorat tas-sodju	7775-09-9	2829 11 00
Aċidu nitriku	7697-37-2	ex 2808
Aċidu sulfuriku	7664-93-9	ex 2807"

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2020/231/PESK tas-26 ta' April 2010 dwar miżuri restrittivi kontra s-Somalja u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2009/138/PESK (ĠU L 105, 27.4.2010, p. 17).

([2]) ĠU C 98, 15.3.2018, p. 1.